# ĠANNINA

*Ta'* ANTON AGIUS

*Lil Habibi Ġużè Borg Pantalieresco, P.L.*
*b'radd ta' ħajr minn żagħżugħ lil dax-xwejjaħ*
*li fil-kitba tiegħu dejjem fakkar lil għajru fil-fqar.*

BHAL Ġannina kien, għad u jibqa' jkun hawn sakemm il-bniedem jibqa' li hu.

Ġannina la hi mara, la xbejba u lanqas xi tifla, iżda raġel. Il-lum igħodd bejn il-ħamsa u tletin u l-erbgħin, jew forsi xi ftit fuqhom. Ma nafx sew kemm, iżda hekk jidher li għandu.

In-nies għammditu Ġannina. Laqqmitu hekk għax leħnu baqa' rqiq u meta jitkellem jinstama' bħallikieku xi mara qiegħda tixher. Mixjitu ferrieħa tixbah lil ta' papru u t-tixjira ta' siequ fil-mixi tfakkrek f'żifna kiebja ta' wieħed imherwel. Hawn min tisimgħu igħid li għandu żegliga ta' xbejba kiesħa u minfuħa biha nnifisha, mixja li għal raġel ma tixraqlux. Għan-nies Ġannina hu tad-daħk.

Minn surtu jġagħlek tħares lejh darbtejn: qsajjar, għoddu qerqni, irqajjaq donnu qasba, idejh aktarx jidhru itwal milli jmisshom ikunu, rasu magħmula kemmxejn kbira għal spalltu, wiċċu ġej ftit imżerżaq għax ix-xedaq maħruġ il barra u ġbinu mdaħħal 'il ġewwa· Billi xagħru dejjem imġiegħed dritt lura, id-dehra ta' rasu tinħass aktar imxaqilba u mgħattna lura. Hofret għajnejh, miġbudin nitfa 'l ġewwa, jaqilgħulu għadmet ħaddejh il barra, u dan jagħtih dehra ta' wiċċ il-mewt. Wiċċu, wiċċ il-għaks u t-tbatija.

Meta jiftaħ fommu, joħroġ leħen qisu ta' mara. Jibda biex ilissen dak li jrid igħid, tistħajjel qed tisma' tnewwiħ u twerżiq imkarkar li ma nafx tistax tisma' minn fomm ta' raġel u bil-kemm il-kemm ta' mara. Ngħid għalija, qajla nqisu leħen ta' mara jew ta' raġel: aktarx jixxiebah ma' ta' barra minn hawn li daqqiet joħroġ minn ġisem magħtur u moħli mill-moħqrija ta' għemil żieni.

Miskin, ma ġab xejn b'idejh, għax minfuq moħħu nieqes. X'ma tixxigħelx in-nies! B'għemilha kiefer aktar tkiddu u tħeffiflu triqtu lejn il-ġenn u qabru.

Leħnu jgħajjatlek tisimgħu. Mhux biss tara x'inhu jgħid,

iżda jiġbdek biex toqgħod dewhien tisimgħu bil-ħerqa li ma titlifx xi nitfa minn kliemu. Moħħok u għaqlek jintefgħu fuqu, biex wara li jkun għadu qal xi żewġ kelmiet jew fl-aħjar itemm kliemu, tħoss x'jimbuttak tiddieħak bih jew jekk tagħdru, titboq fommok. Għandu moħħu bħal ta' wiżża dgħumija. Kliemu huma mera ta' għaqal dgħajjef, jekk għandu. Moħħu vojt, jew biex iħennu għalih, igħidu li moħħu mhux floku. In-nies għalhekk tfittxu, ħa tidħak. Mill-bqija, jekk kiel kiel, u jekk ma kielx, l-istess.

Biex tagħqad, il-lewn ta' ġildu jżid isebbaħ il-kwadru. Iddbabar mitfija ta' għakal ma' għonqu u minkbejh, jitħalltu massmurija bix-xmux li kiel fuq dahru biex ilaqqat il-loqma ħobż li ta' kull jum jeħtieġ l-istonku ċkejken li għandu· Mat-tixjira ta' idejh il-liwja ta' ġismu, daqqiet tilmaħ xi tiżrita titbewwaq u toħroġ fil-għera roqgħa laħam imlewta, imkemmxa u mlanżta.

Ilbiesu, imlaqqta, imraqqgħa jew fl-aħjar l-irqajja' ma jafux bihom, jagħtuh dehra tal-buffu tal-kummiedja. F'saqajh, meta ma tkunx ħafja, ixidd xi papoċċ qadim, bil-qiegħ tal-lastku u bil-wiċċ tal-kanvaz, u lewnu safrani mkagħbar bit-trab. Minn toqba kull naħa tal-papoċċ, tilmaħlu ħerġin subgħajh iż-żgħar mitwijin il ġewwa u miksija b'kallu oħxon. Drabi l-papoċċ jew iż-żarbun tista' taraħ sew billi l-keffa mtentxa tal-qalziet twil tkun xi xiber u nofs il fuq, u tħalli mikxufin wiċċ is-sieq, l-għaksa, l-għarqub u l-qasba ta' siequ niexfa għuda u mgħaddma, b'erba' ħjut ta' vini koħol imqabbżin il barra. Drabi kollox jistaħba taħt keffa wiesgħa baħar li mal-mixja erħilha tperper 'il quddiem u lura.

Tgħolli għajnejk ftit il fuq, issiblu l-warrani miksi b'żewġt irqajja', waħda kull naħa, ta' lewn ma jaqbilx mal-qalziet. Ftit li xejn tilmħu bi ġlekk; barra qmis ma ssiblu ebda għata bħal sidrija. But in-naħa tax-xellug tal-qmis jaqdih għal kollox, dejjem imdendel u mgħobbi b'aktar milli jista' jasa'. Mhux l-ewwal darba u tnejn taraħ bil-qmis ħierġa minn barra u tperper ma' qaddu, meta jkollu waħda. Aktarx issibu bi flokk tal-flanella biss, iswed faħma, għax il-qmis ibiddel biha. Kull qmis li jitfa' fuqu Ġannina, għalkemm imkagħbra, ikollha bħal seħer li jiġbidlek ħarstek. X'ma tħarisx! L-aktar meta jkun liebes donnu ħożoż! Meta mbagħad ikollu l-qalziet twil imħaddan tajjeb minn ċinturin xiber 'l isfel miċ-ċinta, lil Ġannina tistħajlu trajbu għaddej. U n-nies ma tonqosx li tħares, tiflih x'inhu liebes,

tmaqdru, tinbxu u tidħak.

Taraħ jimxi, jitfa' pass ftit imgħaġġel u mkaxkar il qud diem, waqt li fl-istess ħin iżegleg ġismu kollu mal-qadfa, tistħajlek tara wieħed xurban li għadu f'sensih. Mixja mferċħa għandu. Għaddej mit-triq, għid li ssiblu tfal żgħar iħeffu warajh bil-gzuz, xi żgħażagħ jidħku u jgħaddu ż-żmien bih, xi xbejbiet fuq ruħhom iżżejjed iniggżuh u jsejħulu b'għajta mkarkra, "Ġannina", u dikment jinfexxu jiddieħku ma' xulxin bħallikieku qabdithom xi daqquqa tad-daħk. L-irġiel qishom mhumiex huma, daqqiet ma jintebhu b'xejn, jew xi kultant issib min minnhom igerger u jitkaża bl-imġiba tal-poplu.

Ġannina, biex jaqla' biċċa ħobż ħażin ħażin, niftakru għamel ħabta jdur b'turtiera pastizzi miżmuma taħt abtu. Bil-ħanġra li jiftaħ, kont tisimgħu ġej minn erba' kantunieri bogħod. Mill-ewwel tagħrfu leħnu rqiq, iżarżar il-ħâra kollha. Malli jbexxaq fommu, erħilu jkarkarha. "Sħan u tajbin... sħan u tajbin". U Ġannina, b'rasu u qaddu mitfugħin u mġennbin 'il quddiem, bit-turtiera magħfusa ma' ġenbejh in-naħa l-oħra, iterraq 'l hawn u 'l hinn mis-sebħ sad-dlam. Mhux l-ewwel u tnejn jisma' min igħannihielu: "A Ġannina... A Ġannina", biex igħajbu u jiddieħak. Mingħalija, xi darba jidhirli li qaluli li ġie li sab min jitħajjar jitfagħlu t-turtiera b'kollox fl-art. Jew, fl-aħjar, xi sabi ħażin erħilu jlebbet warajh u jagħmel ta' bir-ruħu ser jeħodlu t-turtiera. U dak il-mingħul u n-nies jitpaxxew jaraw lil Ġannina beżgħan beżgħan jiġri quddiem qisu fenek imgerrex biex jaħarbu, waqt li l-imsejken jaħfen tajjeb u jgħożż it-turtiera iżda fl-istess ħin imtaqqal u mfixkel minnha.

Tarax, bħallikieku Ġannina jgħix biex in-nies tinbxu u tiżżuffjetta bih! Meta tiġi għall-fastidju, iftħilha l-bieb. Taħseb xejn, għaldaqshekk in-nies mhix ser tibqa' lura.

Ma nafx sewwa jekk kienx jiġi jbigħ in-naħa tagħna wkoll. Għalija donnu dieb, għax issa ili s-snin li rajtu jdur xi darbtejn jew tlieta l-Ħamrun b'turtiera pastizzi.

Ġannina baqa' li kien, moħħu qasir, u ma nafx jistax xi darba jistejqen. Sat-tfal tintebaħ bin-nuqqas tiegħu. Tifel qalli li xi xahrejn ilu ried jidħol ġo dak it-tokin li hemm il-Ħamrun quddiem Tax-Xjuħ, u b'xelin wieħed ried u ħaqqaq li kellhom jidħlu hu u jdaħħal miegħu xi tlitt itfal oħra. It-tifel li qalli l-praspura ried ifehemni kemm hu msejken Ġannina jaħseb li b'xelin jidħlu erbgħa min-nies, meta sa t-tfal iż-żgħar jifhmu li

trid erba' xelini.

Mhux hekk biss, jew dak in-nhar stess, jew darba oħra, Ġannina kien wara l-bieb tat-tokin u ruxxmata tfal inġabru madwaru bħal ferħ naħal mal-għasel. It-tfal, bħad-dubbien meta jxomm il-mard, ifittxu ma' min iduru u ma jitilqux b'xebgħa stanga. Wara l-bieb tat-tokin dejjem jinġabru gozz tfal jiddieħku, jitbahardu, jittallbu biex jidħlu, isaffru, ipejpu, ilabalbu, jitliegħbu u jinbxu lil xulxin. Ara rasek iddendel kusek magħhom! Taf kif inhuma t-tfal: rassa minn hawn, imbuttatura minn hinn, xi daqqa bil-minkeb minn taħt, irfis kif ġie ġie, tilwim, tiġbid, tiċċrit u tqattigħ tal-qomos lanqas ikunu jafu kif... u dan Ġannina sab ruħu mdawwar bit-tfal bħallikieku kien l-arblu ta' Mejju. Fehem li ma setax jibqa' hemm. Htieġlu li minn wara l-bieb tat-tokin, idawwar denbu u jitlaq 'l hinn biex jara kif idabbar rasu.

Irħielha għall-Blata l-Bajda biex jeħles mis-saram li sab ruħu fih. X'jeħles, jeħles! Telqulha għal warajh biex jaraw x'ser jiġri, u Ġannina kont tisthajlu l-Irxoxt nhar Sibt il-Għid. Quddiem Ġannina, iħaffef u jħaffef biex jitbiegħed minnhom, u wara dawk l-egħfieret saqajhom ħerqana jlaħħqu miegħu. Daqqiet Ġannina jdur f'daqqa, ixejjer idu bħallikieku ser isawwathom u biex jurihom ftit tal-qilla, bla ma jrid, ifergħen xi tnejn. It-tfal jaħbtu ser jitilqu jiġru, imma bħad-dubbien fitt, la laħqu tkaħħlu miegħu, mhux ser iwarrbu kif ġieb u laħaq. Bit-tiela' u bin-nieżel, iċ-ċorma fost id-daħk u t-tgedwid waslet il-Blata l-Bajda. Hemm Ġannina sab il-beraħ fejn sata' jaħrab. Tista' tgħid, hemm sab ruħu waħdu mat-tfal. Għamel li sata', isserdak xi ftit u xeħtilhom xi ġebla li ltaqa' magħha, minn qalbu ħarġet xi għajta ta' dwejjaq, gemgem erba', fergħen tnejn, u tajjeb jew ħażin, fl-aħħar ħeles minnhom. Ma kienx jeħlisha kif ħelisha li ma ġibidx barra mill-Hamrun, għax tista' tgħid li t-tfal ħallewh waħdu għax intebhu li tbiegħdu ġmielhom minn ħdejn it-tokin u djarhom.

Ġannina għandu mit-tfal: ma jagħrafx jistor dak li jħoss. B'hekk in-nies tintebah bin-nuqqasijiet tiegħu u erħilha tinbxu. Bħal dak in-nhar li tlajt fuq karrozza tal-Hamrun sejra l-Belt. Lanqas domt erba' minuti bil-qiegħda li min-naħa ta' wara ma smajtx għanja mkarkra tilminta li l-għannej jinsab imdejjaq għall-mewt. Min ħares lura lemah lil Ġannina mixħut fuq bank ta' wara, b'idu ma' geddumu, igħawweġ u jilwi ħalqu mal-kisra

tal-leħen. Malli fetaħ ħalqu, min ħares lura u tbissem, min taħ daqqa t'għajn biċ-ċiera, min ħareġ rasu aktar 'il barra mit-tieqa biex bħallkieku la jara u lanqas jisma', min għadru u min żellaqlu xi kelma biex igħaddih biż-żmien. Imnalla kien għal xi nofs in-nhar u matul it-triq ftit li xejn għabbejna nies u waqafna fit-triq. Halli għalihom in-nies biex joqogħdu jħarsu meta jisimgħu dak it-tinwiħ kollu! Ġannina ma stabarx jieqaf, u l-ħin kollu jredden li jħoss dwejjaq kbar u li hu bil-ġuħ.

Meta wasalna l-Furjana ma għarafx sew jekk riedx jinżel fil-waqfa tal-karrozzi kif tilwi mat-telgħa ta' ħdejn Sarrija jew l-oħra ħdejn nofs il-ġnien tal-Mall. Dak tal-karrozza ma qagħadx jistenna lil Ġannina jaħsibha. Isuq kien u jsuq baqa'. L-imbierek ta' Ġannina, igedwed u jgħanni, ma ċempillux mill-ewwel lix-xufier biex iniżżlu maġenb il-Mall. Ix-xufier ftit li xejn stabar b'Ġannina u baqa' jsuq. Miskin, Ġannina ntebah li l-karrozza ser iddaħħlu l-Belt, u beda jnewwaħ u jokrob. Dak ix-xufier ftit ta każu. Iżda nqala' wieħed li biex isabbru qallu li ma kellux jagħmel għajr li jerġa' jdawwar denbu lejn il-Furjana u billi t-triq ma kenitx twila, ma kellux għalfejn joħodha bi kbira. Meta waqfet il-karrozza ħdejn Putirjal, kulħadd niżel u Ġannina kellu bil-qalb it-tajba jeħodha bil-mixi lejn il-Furjana f'xemx taqli l-ftajjar u riħ isfel jagħmlek għasra. Kulħadd niżel u telaq lejn xogħlu. Ma nqala' ħadd jagħtih daqqa t'id, għax wara kollox in-nies dehrilha li Ġannina kien sejjer naħa u l-bqija lejn oħra. Il-biċċa li ġratlu dak in-nhar sata' jgħoddha ma' l-oħrajn, dak l-imsejken.

U Ġannina ma jaqta' qatt iħabbat wiċċu mal-praspar u s-saram li jiltaqa' magħhom ta' kuljum. Ftit, narah, jaf bi ħlewwiet tal-ħajja. Lil Ġannina la naf li semgħuh u lanqas ma smajtu xi darba jidħak. Aktarx li ma jafx jidħak. Wara kollox, ma nistennihx ikun jaf billi l-ferħ u t-tpaxxija jnissluh id-daħk. U mbagħad, id-daħk għal Ġannina hu ikreh mid-dnub. Widnejh u moħħu ilhom marida sewwa u mwaġġa' bid-daħk li l-bnedmin sqewh. Ġannina, ħaġa waħda biss jaf, li ħaddieħor jiddieħek bih Iddur fejn iddur, id-daħk hu semm għalih.

Id-daħk jisrom lil Ġannina għax ibikkih u jdewqu l-imrar. Din id-diqa fir-ruħ u l-qalb ta' Ġannina min-naħa tagħha daqqiet tisrom lil xi wieħed barrani. Hekk ġrali jien nhar dik il-għaxija li Ġannina daħallu fellus f'rasu li ried iwikkini bih.

Ilu ftit, is-Sibt fil-għaxija għal xi l-ħamsa u nofs daqqu,

waqafna nitħaddtu jien u xwejjaħ ħdejn Putirjal, il-Belt. Konna ħdejn it-tarf tal-bankina, in-naħa ta' fejn hemm il-venda tal-karozzini. Dak il-lok igħaddu minnu mijiet u eluf ta' nies, min ġieħel u min ħiereġ. Mhux biss, hemm jieqfu gzuz ta' nies ipaċpċu u jreddnu qabel ma jinfirdu u jmorru bil-karrozzi tal-linja lejn djarhom. Fuq kollox, kien is-Sibt, u dak il-jum, aktar u aktar dawk il-ħinijiet, tidħol il-Belt nies aktar mill-jiem tax-xogħol. Ġeġwiġija liema bħalha! Jekk tgħaddi żunżana żżanżan, stenna li kulħadd jismagħha. Jew, jekk tagħtas, fis għexieren fuq għexieren ta' għajnejn jaraw xi ġralek. Aħseb u ara, jekk jinqalagħlek xi għawġ!

Ma nafx kif, bħallikieku nibet f'daqqa, ġie Ġannina fuqna. Hasadna. La qatt stennejtu jinqala' dak il-ħin u lanqas rajnih ġej. Dak l-imbierek miegħi qabad. Waqaf quddiemi, u bejn il-ħasda li tani u bejn li stennejt tinġama' n-nies, fixilni. Bqajt għal ftit inħares lejh miblugħ, ma nistax nifhem x'inqala'.

Biex ikellimni waħħal wiċċu ma' tiegħi, ċaqlaq u ferfer idejh ma' kull kelma li qal biex aktar ifehemni x'ried igħid, u b'leħen għoli qabad inewwaħ, jingħi u jokrob waħda f'waħda : "Sinjur, agħtini x-xogħol. Iktibli karta. Ħaddimni. Jaħasra, m'għandix x'niekol! Bil-ġuħ jien. Iva, ibgħatni mqar f'latrina. Iva, sinjur, anki f'latrina mmur jien. Jien naf innaddaf latrina......"

Ma stajtx inħallih jibqa' jredden. Kelli nara x'inpasparlu. "Ġann, isma' minni," qtajtlu kliemu. "Mur għand il-kbir tal-Gvern. Taħseb xejn, dak żgur jaħsiblek għal kollox".

Bla sabar, Ġannina ħatafni fil-kliem u qalli : "Tal-karrejja tiegħi kollha ġegħilthom jivvotawlu. Imma int......"

"Ara Ġann", ridt infiehmu meta ntbaht li ser jerġa' jitlobni l-karta tax-xogħol. "Isma' minni, il-Kap jaqdik."

Ma riedx jisma'. Reġa' qabad il-kantaliena li jrid minni l-karta tax-xogħol. Tatni rasi. Ġannina jgedwed u jgħid waħda f'waħda, ħsibtu ser jiġbor in-nies li ma hedewx għaddejjin madwarna. Bejn tħassartu u għadirtu u bejn kelli aptit nagħtih f'idejn ċorma xjaten u jeħduh minn quddiemi. Kif taqbad tfiehem lil dak l-imbierek dak li ma setax jifhem!

Imnalla li dak ix-xwejjaħ li kelli miegħi ġietu f'rasu jgħidli : "Ara, int iktiblu karta." Ix-xwejjaħ ħares lejja u tani ħarsa li tfisser. Fhimtu x'ried igħid.

Dort fuq Ġannina u b'leħen imqit u sod, għidtlu : "Iskot u

nirranġalek." Ġannina waqaf, ħa r-ruħ u wiċċu mtela dawl.

Deffist idejja ġol-but u fittixt biċċa karta. Biex tagħqad, tentuxa karta bajda tajba għall-kitba, ma kellix. Il-karta waħdiena li kelli kienet reklam tal-film taljan "Capitan Fantasma" li kienu tawni qabel jien u dieħel il-Belt. Fil-faċċata ta' quddiem kien hemm stampa ta' xiber u nofs turi tnejn bix-xwabel imsallba jiddwellaw u xbejba liebsa mqaċċat tħares lejhom beżgħana. Ma nafx kif Ġannina li ma qalax għajnejh minn fuqi, ma ntebahx jew għaddielu minn moħħu li l-karta ma kenitx għajr reklam. Għajnu lanqas biss għokritu jew tħasseb meta ra dik l-istampa daqshiex. Ħfint iż-żewġ folji tar-reklam bejn idejja, tnejt biċċa vojta mogħla żewġt iswaba' mit-tieni faċċata, u żarrattha. Il-bqija tfajtha fil-but. Ħriġt pinna mill-but tal-ġlekk bla għaġla xejn. Kollox bil-lajma għamilt, bħallikieku qed issir xi ħaġa ta' ħajja jew mewt. Ġannina qagħad b'dehwa kbira jħares, sieket u ħerqan jistenna, jara x'ser jiġri.

Fuq dik il-biċċa karta lewn il-larinġa ktibt bil-magħqud, kemm jista' jkun fil-kobor, kelma waħda li ġietni f'rasi dak il-ħin bħal leħħa ta' berqa. Tistaqsunix għaliex, naf li ħażżiżt "Għinuni". Malli lestejtha, tajtha lix-xwejjaħ ħabib wieqaf ħdejja u staqsejtu: "Tajjeb ktibtlu, Sur Ġużè?"

Ix-xiħ ħadha, qraha, u minnufih qalli: "Tajjeb...... tajjeb wisq."

Dak li kien jistenna Ġannina. Malli semgħu jgħid hekk, mill-ewwel ried jaf: "Issa fejn immur biha?"

"Mur dritt il-Palazz. Hemm igħidulek kollox. Sib is-surġent fil-bieb il-kbir u agħtihielu." Hekk bla ma qistha ġieni l-kliem f'ħalqi. La ridt u lanqas daħalli ħsieb inqarraq bih. Għal Ġannina l-kelma Palazz swiet li ma ngħidlekx għax m'hemmx fejn tasal aktar. Għalih il-Palazz hu l-għajn tal-Qawwa, u minn hemm ried itaffi d-dieq tiegħu u jsib l-għajxien.

Tnejtlu l-karta fi tnejn u tajthielu. Laqagħha b'għożża kbira, għajnejh maqfulin fuqha. Barra minn sensih bil-ferħ, tnieha b'dehwa għal darb'oħra u għalaqha f'idejh ix-xellugija. Imbagħad f'daqqa waħda tbaxxa, b'idu l-leminija ħadli idi x-xellugija f'tiegħu u biesha. It-tħakkik ta' geddumu mlanżat u l-mess ta' xofftejh mal-wiċċ ta' idejja, ħasduni u bħal qajmuni mill-ħolma li kont fiha. Bla ma ridt, fis ġbidt idejja lura, u wissejtu: "Mur, Ġann, għax issibu magħluq".

Ġannina ma riedx isib il-Palazz magħluq. Tqanqal minn

ħdejna, għolla idu l-leminija għerja u muswafa ma' wiċċu, b'tislima baxxa kemmxejn rasu mgħobbija b'luppata xagħar maħmuġ u magħqud, imlewwen bi dbabar ta' xagħar iswed fuq il-quċċata ta rasu, abjad fuq widnejh u xaqran in-naħa tal-qurriegħa; u fl-aħħar telaq. Qabad pass ħafif u telqilha għal ġewwa l-Belt. Dieb ġol-mina u ntilef qalb il-folla.

Harist madwari. Stennejtni nsibna mdawrin b'qabda wċuh libsin daħka ta' tmasħir. Stagħġibt, kulħadd kien sejjer għal xogħlu. Hadd ma edha bina. Hassejtni mistrieħ bħallikieku neħħejt għoqla minn fuq l-istonku tiegħi.

Ma ridtx nibqa' hemm. Rikibni bħal reqqet ir-ruħ u kelli seba' mitt sena nwarrab minn fejn konna weqfin. Ma nafx sew fejn ridt immur. Li naf sew kien li ridt inwarrab minn hemm bla dewmien ta' xejn. Ridt intajjar u nneħħi għal kollox il-fakra ta' dak li ġara. Fuq ix-xwiek, sellimt bil-ħeffa lix-xwejjaħ li kont nitħaddet miegħu u nfridna.

Ma stajtx nagħmel aħjar milli għamilt, kemm għalija u kemm għal Ġannina.

Lil Ġannina stennejtu jerġa' jitfaċċa jiġri lura bil-karta f'idu jfittixni, u b'idejh f'wiċċi jitlobni ngħidlu għaliex dħakt bih.

Kif ħelisha ma nafx. Lanqas naf jekk ħallewhx bi kwietu hu u għaddej mit-triq, jew jekk irnexxilux tabilħaqq jasal il-Palazz. Iżda nista' nobsor x'seta' ġralu jekk iltaqa' ma' min ftit li xejn għandu żmien u ħsieb x'jitlef għal min hu bħal Ġannina.

Hekk qed igħaddiha u jkollu jgħaddiha ħajtu Ġannina, ilsir ta' għajru.